# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 17 ta' Ġunju, 2024**

**Rikors Ġuramentat numru 996/2012MH**

**Numru**:

**Leonard Mizzi**

**Vs**

**It-Tabib Prinċipali tal-Gvern u**

**l-Kirurgu Norman Formosa.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess illi:

1. *Illi l-esponenti kien jinħtieġ li tiġi rimossa 'lump, post aspect of scalp', u li fl-24 ta' Frar, 2010 għadda biex issirlu l-kirurġija rikjesta fl-Isptar Mater Dei.*

2. *Illi b'riżultat tal-mod kif ġiet biex tkun ezeġwita l-istess kirurgija in rigward ta' l-esponenti, huwa issubixxa 'neuroma' illi ġabet magħha debitlita' permanenti fil-persuna ta' l-esponenti.*

3. *Illi għalkemm il-konvenuti minħabba nuqqasitajiet attribwibbli lilhom għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-esponent, u ġew debitament interpellati għal dan l-iskop, huma qegħdin jirrespingu kull responsabilta' da parti tagħhom.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandiex din il-Qorti għar-raġunijiet premessi,*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-istess konvenuti huma responsabbli għad-debilita' fizika permanenti sofferta mill-esponenti bħala riżultat tal-kirurgija illi għaliha huwa ġie sottopost fl-24 ta' Frar, 2010 kif fuq ingħad.*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti konsegwentement għad-debilita' fizika li ġiet hekk ikkaġunata; u*
3. *Tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-esponenti id-danni li jiġu hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata l-24 ta' Frar, 2012 kontra l-konvenuti ingunti n subizzjoni'*

Rat ir-risposta ġuramentata fejn ġie eċċepiet ili:-

1. *Illi inkwantu diretta lejn it-Tabib Ewlieni din 1-azzjoni hija karenti minn fundament guridiku stante illi kif imposta l-allegazzjoni hija cara illi r-rikorrent qed jallega dannu rizultat ta' allegat nuqqas kliniku, mentri dan ir-rikorrent jirrispondi biss ghal culpa in eligendo u culpa in vigilando.*

2. *Illi in kwantu diretta lejn Mr. Formosa dan l-intimat ma hux legittimu kontradittur stante illi dan 1-intimat ma kienx il-persuna illi kienet involuta fil-kirurgija allegata mir-rikorrent. Ghalkemm Mr. Formosa kien kap tal-firm huwa ma kienx il-kirurgu involut f' dan 1-allegat kaz. Fi kwalunkwe kaz il-pretensjonijiet u allegazzjonijiet vantati mir-rikorrent fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt*

3. *Illi ghalhekk in vista tas-suespost dawn iz-zewg intimati ghandhom jigu Iliberati millosservanza tal-gudizzju.*

4. *Illi fi kwalunkwe kaz kull pretensjoni ghad-danni qed tigi respinta stante illi kwalsiasi dannu allegat ma kienx rizultat ta' xi nuqqas de parti ta' xi hadd mill-intimati stante illi agixxew kif mistenni minnhom.*

5. *Illi di piu ir-rikorrent naqas illi jissottoponi ruhu ghal intervent kirurgiku, liema appuntament kellu jithassar meta r-rikorrent naqas li jikkopera ma' l-istaff mediku u ghalhekk l-allegazzjoni ta' dannu pemananenti hija biss allegazzjoni infondata intiza biss sabiex tissorreggi 1-bazi ta' talba ghal hlas ta' danni.*

6. *Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-intimat umilment jitlob lil Dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tichad it-talba tar-rikorent in toto stante li hija infondata, bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrent.*

Rat li din il-Qorti diversament preseduta nnominat lil Dr. Vincent Galea bħala perit legali u dan bid-digriet datat 30 ta' Novembru, 2012.[1]

Rat ukoll li aktar tard fil-mori ta' dawn il-proċeduri meta kienu nġabru sew mil-provi relevanti, din il-Qorti għaddiet biex tinnomina lil Profs. Godfrey Laferla bħala kirurgu konsulent[2] ukoll Dr Josianne Aquilina bħala konsulent newrologu[3] dan biex wara li jieħdu konjizzjoni tal-provi kollha u jkollhom aċċess għal file mediku esebit, jistabilixxu jekk wara l-kirurġija l-attur kienx soffra minn neuroma jew debilita' oħra dejjem riżultant ta' l-istess kirurġija, u fil-każ ta' eżitu possittiv jistabbilixxu l-perċentaġġ ta' l-istess. L-espert mediċi kienu ordnati li jaħdmu n kongunzzjoni mal-perit legali nominat.

Rat lil perit legali u l-periti mediċi wasslu għad-debita konklussjoni tagħhom.[4]

Rat li konsegwenza ta' din in-nomina il-periti mediċi kkonkludew illi:-

*" 1. There is no detailed information as to whether the initial lump was a neuroma or not and indeed it is the regular practice to exclude such pathology when lumps on the scalp are identified as neuromas are, by their very nature, rare.*

---

[1] Folio 15
[2] Folio 81
[3] Folio 87
[4] Folio 138 et. Seq.

*2. the lump was very tender at the time of presentation which might indicate, in hindsight, that this was not a straightforward cyst.*

*3. the patient was uncooperative during the time of the surgery and no blame can be apportioned to the surgeon concerned if the patient was uncooperative and wanted the procedure to be terminated.*

*It is however possible that the incision might have aggravated the situation but had the lesion allowed to be removed, the outcome might have been completely different.*

*In our opinion, this type of .problem based on Guides to the Evaluation of Permanent Impairment of the American Medical Association 5th Edition, carries a disability rate of 7% (impairment class 1, pg. 575, 584).*

Da parti tiegħu l-perit legali f'rapport erudit kkonkluda dan:-

*"**Konklussjoni***

*30. In vista ta' dak hawn fuq premess, ir-relatur huwa tal-fehma li l-Onorabbli Qorti għandha, prevja li tiċħad l-ewwel tlett risposti, ....tilqa l-kumplament tar-rispsoti maħlufa u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tal-attur.*

*31. l-ispejjeż għar-rigward tal-ewwel tlett risposti fir-risposta maħlufa tal-konvenuti għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti in solidum bejnniethom. Il-kumplament tal-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-attur."*[5]

**Rat li maħluf u presentati dawn ir-rapporti l-Qorti tat perjodu biex bl-iskritt isir l-eskussjoni tal-periti tekniċi indikati[6].**

Rat li nonostante diversi differimenti dan baqa' ma sar qatt.

Mhux talli hekk talli l-unika nota bid-domandi n eskussjoni ndirizzat lejn il-periti biex dawn jiġu eskussi ġie **erronjament indiriżżata lit-tabib Professur**

[5] Folio 245.

**[6] Ara verbal tat-3 ta' Gunju, 2022 folio 249 ukoll verbali sussegwenti u dan anke sas-seduta tat-8 ta' Mejju, 2023.**

**<u>Anthony Galea Debono li qatt ma kien nominat minn din il-Qorti bħala perit mediku pero kien biss xhud ex parte.[7]</u>**

Rat ukoll li ma ntalbu  ebda periti addizzjonali.

Ikkunsidrat

Fir-rigward tar-rapporti ta' periti legali u dawk mediċi l-ġurisprudenza msaħħa bid-dispost tal-liġi nsibu li l-**artikolu 681 tal-Kap 12** tipprovdi hekk –

*"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[8] -

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat*

[7] Folio 253
[8] Rik 988/08

*mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi*

*skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn esperti fil-kamp imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Hija l-fehma tal-Qorti li ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet raġġunti mill-periti legali u mediċi fir-relazzjoni peritali tagħhom li mhumhiex korretti, ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta u tagħmel tagħha tali konklużjonijiet fil-limitu ta' dak li se jiġi deċiż hawn isfel.

Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li ħadd mill-partijiet ma kkontesta tali konklussjonijiet u dan nonostante żmien mogħti fir-rigward.

Jerġa jingħad ukoll li ma ġew mitluba ebda periti addizzjonali.

Ikkunsidrat Illi b'dana kollu għal fini ta' kompletezza l-Qorti xorta se tgħaddi biex tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

**Eċċezzjonijiet.**

Illi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet mressqa kienu fis-sens li n kwantu t-talbiet attriċi kienu diretti lejn it-Tabib Prinċipali tal-Gvern, l-azzjoni kif impostata hija karenti minn fundament ġuridiku n kwantu qed jiġi mixli b'dannu ta' allegat nuqqas kliniku. Igħid li hu jirrispondi biss għal *culpa in eligendo* u *culpa in vigilando.*

Fejn x-xilja tirrigwarda lil konvenut Mr Formosa hemm eċċepiet illi dan mhux legittimu kontradittur stante li l-intimat Formosa ma kienx il-persuna nvoluta fil-kirurgija allegata mir-rikorrenti. Għalkemm Mr Formosa kien il-Kap tal-Firm mediku, huwa ma kienx il-kirurgu involut f'dan il-kaz ta' kirurgija.

Għalhekk hu mitlub li dawn iż-żewġ intimati jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Kif ġia qalet il-Qorti, il-perit legali għandu ragun meta igħid li dawn it-tlett eċċezzjonijiet m'għandhomx mis-sewwa.

Isir ukoll referenza għas-sentenza **tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Amanda Bilocca vs It-Tabib Prinċipali tal-Gvern**[9] fejn fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni mressqa mit-tabib *Prinċipali tal-Gvern intqal hekk:-*

***'Tabib Prinċipali tal-Gvern***

*24. Ilment ieħor ewlieni min-naħa tal-imħarrkin huwa mbagħad dwar is-sejbien tar-responsabbiltà sa fejn għandu x'jaqsam it-Tabib Prinċipali tal-Gvern;*

*25. Dwar dan, l-appellanti qegħdin itennu l-istess argumenti li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u sewwasew li ġaladarba l-attriċi qed tattakka l-aġir professjonali u l-eżerċizzju diskrezzjonali min-naħa tal-appellant Katrich, it-Tabib Prinċipali tal-*

[9] Deċiża fl-15 ta' Novembru, 2023.

*Gvern ma jistax u m'għandux jinstab responsabbli għat-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni. Jargumentaw li t-Tabib Prinċipali tal-Gvern kien ikun responsabbli għad-danni li kieku ntwera li l-appellant Katrich ma kienx kwalifikat biex iwettaq it-test li għamel, jew inkella li kien hemm xi tagħmir nieqes jew ma jaħdimx tajjeb. Iżidu li t-tmexxija tal-Isptar bl-ebda mod ma xekklet lill-appellant Katrich milli jieħu d-deċiżjoni t-tajba u li r-relazzjoni ta' bejn it-tabib u l-pazjent hija differenti minn dik ta' bejn il-pazjent u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern. Ifissru li r-responsabbiltà ta' dan tal-aħħar hija li jipprovdi strutturi, tagħmir u impjegati li jkunu mħarrġa fil-qadi ta' dmirijiethom, però huwa mbagħad fir-responsabbiltà tal-professjonist li jwettaq dmirijietu u jipprattika l-professjoni tiegħu skont il-prassi medika u xjentifika applikabbli fil-qasam li fih huma speċjalizzati;*

*Fil-fehma tal-Qorti, l-ebda wieħed mill-argumenti tal-appellanti ma jnaqqas xejn mir-responsabbiltà tal-appellant Tabib Prinċipali tal-Gvern. Huwa mifhum li n-natura tal-azzjoni hija determinata mill-indoli tagħha, u li dawn tal-aħħar joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża*[10]*. Minn qari xieraq tar-rikors maħluf, u partikolarment mill-ħames u s-sitt premessi, jidher ċar biżżejjed li l-attriċi qed tfittex lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern fuq ix-xilja li l-operazzjoni li saret fuqha għal xejn b'xejn, seħħet minħabba nuqqas professjonali, neliġenza, imprudenza u traskuraġni mill-impjegati tiegħu u li, minħabba f'hekk, huwa għandu jagħmel ukoll tajjeb għad-danni li ġarrbet. Fil-fehma tal-Qorti, xilja bħal din mhija xejn għajr dik fuq il-bażi ta' 'culpa in eligendo';*

*27. Ir-responsabbiltà fuq is-sies tal-'culpa in eligendo' mhijiex dejqa bil-mod ta' kif qed ifissruha ħażin l-appellanti. Tabilħaqq huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-'culpa in eligendo' ma tiqafx mal-ġudizzju li jsir fil-mument tal-*

---

[10] Ara Phyllis sive Pina Abela et. v. Dr Mario Tabone et. deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2019 (Ċit. Nru. 880/1998/1) §16.

*ingaġġ, iżda timplika wkoll li "l-persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa' hija responsabbli wkoll, jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u nuqqas ta' ħila"* [11] *. L-argumenti tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern, li Dr. Katrich tqabbad jagħmel xogħol li kellu l-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa sabiex ikun jista' jwettqu, mhumiex għalhekk biżżejjed biex jeħilsu lill-istess appellant Tabib Prinċipali tal-Gvern mir-responsabbiltà għad-danni fuq il-bażi ta' culpa in eligendo;*

*28. F'dan il-każ, m'hemmx kontestazzjoni li l-appellant Katrich wettaq l-iżball waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu ta' radjologu fl-Isptar Mater Dei u b'hekk bħala professjonist li, fl-aħħar mill-aħħar jirrispondi lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, bħala l-Kap tad-Dipartiment tas-Saħħa. F'ċirkustanzi bħal dawn, u speċjalment fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti għadha kif tikkonferma li Dr. Katrich wettaq dmirijietu b'negliġenza, il-Qorti jidhrilha li t-Tabib Prinċipali tal-Gvern għandu tabilħaqq jinstab solidalment responsabbli flimkien ma' Dr. Katrich*[12]*;*

*29. L-ewwel erba' aggravji li huma lkoll dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà min-naħa tal-appellanti Katrich u t-Tabib Prinċipali talGvern, qegħdin għalhekk jiġu miċħuda għal kollox;"*

Ukoll fis-sentenza msemmija fl-ismijiet **GO plc vs Angelo Schembri** ingħad intematika li-:

*"41. Meqjusa l-argumenti tal-partijiet vis-a-vis ir-raba' aggravju tal-appell prinċipali kif ukoll l-aggravju tal-appell inċidentali, il-Qorti tibda biex tgħid li*

---

[11] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Carmel Spiteri et deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021 (App. Ċiv. 1230/2010/1)

[12] 37 Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' GO p.l.c. v. Angelo Schembri et mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija. (App. Ċiv. 1017/2014/1), §§ 41 – 42

*ġaladarba l-konvenut Schembri kien qed iwettaq ix-xogħol fuq inkarigu tal-konvenuta Enemalta u rriżulta li dan ma wettaqx l-inkarigu tiegħu b'mod prudenti u diliġenti, tant li kkawża l-ħsarat lamentati millattriċi, allura fuq hekk biss l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellata Enemalta, solidalment responsabbli flimkien ma' Schembri u dan abbażi tal-Artikolu 1037 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jingħad għaliex kif intqal minn dik il-Qorti fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Carmel Spiteri bin Emanuel u Carmel Spiteri, deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021:*

*"Il-Qrati applikaw il-prinċipju ta' responsabbiltà għall-culpa in eligendo, liema kunċett gie estiż fil-ġurisprudenza tagħna mhux biss għall-mument meta l-istess persuna tiġi ngaġġata, iżda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa' hija responsabbli wkoll, jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u nuqqas ta' ħila skont il-provvediment tal-liġi fuq ċitat. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet It-Tabib Joseph R. Grech v. Kummissarju tal-Pulizija, deċiża fl-1 ta' Marzu 1988, kif ukoll sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet Roberta Fenech Gauci v. Korporazzjoni dwar is- Servizz ta' l-Ilma et deċiża fil-5 ta' Marzu, 2010)".*[13]

*42. Dan l-istess raġunament ġie wkoll applikat f'bosta sentenzi oħra ta' din il-Qorti, inkluż dawk fl-ismijiet ta' Michael Balzan v. Lawrence Ciantar bħala Chairman għan-nom u in rappreżentanza talKorporazzjoni tal-Enemalta et. deċiża fis-17 ta' Frar, 2006;*[14]*u Mary Buttigieg v. John Polidano, deċiża fis-27 ta' Mejju 2016;17 Ċiv. Nru. 668/1991/1.*[15]*"*

---

[13] App. Ċiv. Nru. 1230/2010/1. 15 App.
[14] Dr. Tatiana Bonnici et. v. Nicholsons The Supermarket Ltd. et. deċiża fit28 ta' Frar, 2014;
[15] App. Ċiv. Nru. 962/1998/1. 17 App. Ċiv. Nru. 622/1996/1.

Riprodotti dawn il-kunsiderazjonijiet ġurisprudenzjali l-Qorti tara li dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.

Huwa żgur li ż-żewġ konvenuti għandhom jirrispondu għax-xilja mressqa. It-tabib Prinċipali tal-Gvern kif sew ingħad 'l fuq minħabba l-ingaġġ tat-tobba mpjegati u l-mod kif jeżerċitaw il-professjoni medika waqt dan l-ingaġġ. Inoltre, Mr Norman Formosa, għalkemm ma kienx il-kirurgu li fattwalment eżegwa l-intervent kirurġiku fuq l-attur, jew nofsu għax dan ma ġiex komplet fuq istruzzjoni ta' l-attur, xorta kien vestit b'responsabiltà' ta' tobba li kif igħid hu jaqaw fil-Firm tiegħu. Inoltre kien hu li ra lil istess attur u segwa il-każ tiegħu. Aktar u aktar meta hu stess jikkonferma li kien hu li ħa d-deċizjoni li l-attur jiġi operat minħabba boċċa żgħira fuq rasu. Kif xehed hu stess *new cases* kien jarahom hu, mbagħad il-*follow up* jkunu mis-sub alterni, assistenti tiegħu u jekk ikollhom problema isaqsu lilu.[16]

Jikkonferma li l-operazzjoni kienet għamlitha Dr. Mohaya Bartolo, *House Officer*, u saret *day care* taħt *local anaesthetic*. Igħid ukoll li sakemm saret din il-kawża ma kienx jaf xejn bl-ilment ta' l-attur.

Għalhekk minn dan prodott, Mr Formosa ma jistax jinża mir-responsabilta' medika tiegħu meta kien hu li kien il-kap tal-Firm, ukoll li kien taħtu li baqa' l-attur bħala pazjent u kien hu li ta istruzzjoni li ssir din l-operazzjoni dejjem minn persuna li kienet taħdem taħt direzzjoni unika tiegħu

Da parti tat-tabiba li operat, tgħid ukoll li hi eżaminat lil attur fil-presenza ta' Formosa. Dan kif jirriżulta minn noti mediċi mhux kontradetti.[17]

[16] Folio 167. Seduta 27 ta' Novembru, 2013.
[17] Folio 183 Seduta 12 ta' Gunju, 2014.

**Konsegwentement in linea ma' dak konkluss mill-perit legali, l-Qorti tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuti.**

**Mertu.**

Kif ingħad il-Qorti taqbel b'mod komplet ma dak konkluss mill-perit legali li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda kollha.

Għalkemm bħala fatt huwa nkontestat illi sar intervent kirurgu, huwa ukoll ta' rilevanza li dan ma ġiex komplut għax kien l-istess attur, minħabba ilment ta' uġigħ li beda jħoss, li waqaf lil istess kirurġija.

L-attur jispjega li waqt l-operazzjoni, meta it-tabiba qatgħet u bdiet tneħħi ċ-ċesta, hu ħass ġbid f'rasu u ma felaħx bl-uġigħ. Igħid li beda jinżillu d-demm, beda igħajjat u talab lil kiruga tieqaf u dan nonostante li qaltlu li kienet ġia neħħiet nofs iċ-ċesta.

Igħid li wara meta ltaqa' ma Formosa u qallu li kien muġugħ, ukoll li darba li dan għafaslu ċ-ċesta ra l-mewt. Igħid lit-Tabib Formosa qallu li kien imfejjaq u kellu biss demm miġbur.

Igħid li l-uġigħ ma qatax. Mar għand Dr. Galea Debono li qallu li kellu jfittex il-min għamilu din il-ħsara, ukoll li jekk jerġa jopera ruħu jispiċċa f' wheelchair. Jixhed ukoll li ma kienx hemm kura għal ħsara li saritlu, ukoll li kellu jibqa' ħajtu kollha fuq il-kalmanti. Igħid ukoll li wara kkunsulta psikjatra qallu li ma kienx tajjeb għax-xogħol.

Infatti quddiem din il-Qorti **Dr. Anthony Galea Debono** xehed li dan kien kaz ta' nerv imweġġa' jew maqtugħ, u li jista' jirriżulta f'uġigħ *over and above*. Qal ukoll li kien rari li dan in-nerve jiġi jew jirritorna għan-normal.[18]

Kuntrarjament għal dak li jixhed l-attur, il-kirurga **Muhalyo Bartolo** tgħid li fil-fatt ma kienet tneħiet ebda ċesta, ukoll lil pazjent ma setax iħoss uġigħ għax kien injettatu b'anestesija. Tgħid ukoll li Formosa qatt ma kellimha fuq xi ilment da parti tal-attur.

Da parti ta' **Dr. Carmel Abela** dan jispjega illi llum ġie rikommandat lil pazjent, l-attur, li wara l-kirurġija kellu bżonn *"... psychological support"* ukoll li *"...may need psychiatrist"*. Igħid li rrakomanda hekk għax ħass li pazjent nonostante kull trattament li rċeva xorta baqa' muġugħ u kien milqut minn ċerta ammont ta' ansjeta'.

Quddiem din il-Qorti Dr. Carmel Abela spjega li *'...biex ikun hemm neuroma normali meta jinqata' xi nerv kbir bħal per ezempju xi ħadd ikollu amputation ta' saqajh, jinqata' n-nerv il-kbir u tifforma n-neuroma. Din hi xi ħaga li taraha fl-ultrasound ...jew f'investigation oħra. Fil-kaz ta' Mr Mizzi kellu uġigħ fejn tneħħietlu l-boċċa li kellu, ..li hija komuni li ssir taħt anaesthetic u ħafna drabi ma kienx hemm problemi. Wieħed ma jeskludix li jistgħu jinqalgħu chronic pain...'*[19]

Magħmula dan ir-riassunt, magħdud ma dak li ġia kkonkluda l-perit legali, il-Qorti ssib li anke jekk l-attur huwa mifni bl-uġigħ tant li llum għandu bżonn kura psikoloġika u possibbilment psikjatrika, dan ma jwassalx għal prova ta' dak in-ness li trid il-liġi bejn il-ħsara u r-responsabiltà' tas-sinistru. Il-Qorti tasal għal

[18] Seduta 28th Gunju, 2023.
[19] Seduta 28 ta' Gunju, 2023.

din il-konklussjoni nonostante dak li xehed Dr. Galea Debono li l-attur soffra *nicking* tan-nervituri, nerv milqut waqt l-intervent. **Senjatament jixhed li dan it-tip ta' nerv mhux faċilment viżibbli, u nkwantu li hu nerv żgħir ma tkunx taf minn fejn hu għaddej u li kien inċident li sfortunatament jiġri.** Hu wassal biex b'hekk jiddetermina perċentaġġ ta' diżabilità', pero nonostante ċioe' lanqas dan ix-xhud *ex parte* ma jwassal il-Qorti għal prova meħtiega lit-tobba jew il-konvenuti, kienu negligenti jew aġixxew bla sengħa u arti fl-operat tagħhom. Aktar u aktar meta l-istess xhud jixhed li dan nerv mhux faċilment viżibbli tant hu żgħir.

Imma dana kollu jrid u jinħtieġ li jiġi eżaminat fl-isfond ta' dawk li kkonkludew ukoll il-periti tekniċi mediċi maħtura mill-Qorti, li kif ġia riprodott qalu li:-

*'It is however possible that the incision might have aggravated the situation but had the lesion allowed to be removed, the outcome might have been completely different.*

*In our opinion, this type of .problem based on Guides to the Evaluation of Permanent Impairment of the American Medical Association 5th Edition, caries a disability rate of 7% (impairment class 1, pg. 575, 584).'*

Pero nonostante dan il-perċentaġġ li wasslu għalih issa l-esperti mediċi, xorta ma wasslux li jistabilxxu dak in-ness ta' kawżalita' meħtieg biex tiġi mposta r-responsabilta'. Għaliex bħala piż ta' prova kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li hu għadda minn intervent kirurġiku u li soffra danni kaġun ta' hekk. Dan sa fejn jirrigwarda l-parti tal-attur, għax kif se naraw aktar l'isfel kontrarjament jinkombi fuq il-konvenuti li jipprovaw li huma ezerċitaw is-sengħa tagħhom bil-piż mixħut fuqhom ta' dover u attenzjoni pretiżi minn *bonus pater familas*.

F'dan ir-rigward ssir referenza għal sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell Ċivili fl-ismijiet **Etienne Ellul vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Saħħa**[20]

*'Tradizzjonalment, dawn il-Qrati kienu jikkunsidraw ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent bħala waħda ex delicto jew quasi ex delicto. Dan sakemm din il-Qorti,*

[20] Deċiża 6 ta' Frar, 2024; 31/6/21LM

*diversament kostitwita, fis-sentenza Gauci v. Felice*[21] *stabbilit li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib hija ex contractu, anke fil-każ ta' tabib impjegat mal-Gvern. Wara li għarfet l-istat tal-ġurisprudenza Maltija, u rrikonoxxiet li fl-Ingilterra r-relazzjoni bejn tabib impjegat fin-National Health Service u pazjent hija waħda ex delicto; filwaqt li fl-Italja r-relazzjoni hija dejjem ex contractu, din il-Qorti rraġunat hekk:*

*"Għalkemm, kif ingħad, il-pożizzjoni hawn Malta ġiet eżaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kważi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar loġiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tiġi eżaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jehtieġ il-kunsens ta' żewġ partijiet, iżda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun taċitu, u anki impliċitu, basta tkun teżisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imħallas mill-Gvern biex ikun għas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoġġi l-bżonnijiet tiegħu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaċċetta li jagħti s-servizz tiegħu, ikun qed jintrabat fil- konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tiegħu skond l-aħjar ħila tiegħu. Jista' jingħad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero` jekk hu hekk, l-għażla jkun għamilha meta mpjega ruħu mal-Gvern, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaċċjat b'każ li mhux tal-ħila tiegħu, għandu obbligu jgħaddi l-każ lil tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bħal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaċċetta li jikkura pazjent, jidħol f'relazzjoni diretta miegħu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal għall-ħlas tad-danni f'każ ta' inadempjenza".* [22]

---

[21] 1 Rose Gauci v. Mr. Donald Felice 31.10.2008. Kontra din is-sentenza saret kawża ta' ritrattazzjoni li ġiet miċħuda b'sentenza tat-08.10.2009.

[22] F'sentenza iktar riċenti – Gauci v. Tabib Ewlieni tal-Gvern fuq imsemmija - din il-Qorti, diversament kostitwita qalet hekk: "Illum huwa aċċettat illi r-relazzjoni bejn il-pazjent min-naħa l-waħda u t-tabib u l-isptar jew istitut sanitarju ieħor min-naħa l-oħra hija waħda kuntrattwali (Ara e.g. Rose Gauci et v. Donald Felice et, App. 8 ta' Ottubru 2009. Din ir-relazzjoni tinħoloq bis-saħħa ta' ftehim bejn it-tabib u l-pazjent fil-każ ta' tabib imqabbad

*Stabbilit li r-relazzjoni hija waħda ex contractu, m'għandhomx raġun l-appellanti sa fejn jixħtu l-piż tal-prova tan-negliġenza fuq l-attur. M'hemmx dubju li l-attur ipprova r-relazzjoni ta' tabib-pazjenti; li sofra ħsara fil-persuna tiegħu; u li din il-ħsara kienet effett tal-operazzjoni. Li jfisser li mbagħad kien sta għalihom, u mhux għall-attur, li jippruvaw li mxew bid-diliġenza mistennija minnhom; li l-pazjent ta l-informed consent tiegħu; x'inhu l-istandard practice f'operazzjoni bħal din; u li ħadu ħsiebu kif suppost wara l-operazzjoni. Jekk kif qegħdin jallegaw huma stess fl-aggravju tagħhom, hemm nuqqas ta' provi f'dan irrigward, dan in-nuqqas jimmilita kontrihom, u mhux favurihom: imputet sibi.'*

Isegwi minn dan it-tagħlim li barra lil-prova li kienet inizjalment taqa' fuq l-attur, imbagħad kien jispetta lil konvenuti tobba li juru li huma kienu operaw bid-diligenza mistennija mill-professjoni tagħhom u li oltre segwew lil pazjent kif mistħoqq u xieraq. Pero dan l-aħħar saf ta' prova ma kienx hemm bżonn li jiġi muri għaliex kif ingħad ma tħossx li kien hemm dak in-ness meħtieg bejn l-operazzjoni u il-ħsara fisika nvokata. Jibqa' sostnut mill-esperti mediċi li '*It is however possible that the incision might have aggravated the situation but had the lesion allowed to be removed, the outcome might have been completely different.'*. Kif inhu ċar l-esperti jirrelataw fuq dak li hu possibbli.

Ukoll skont l-esperti tal-Qorti, li ma ġewx meruti jew kontradetti, l-attur seta' kien ukoll kontribwenti tar-riżultat odjern għax ma ħallix l-operazzjoni tiġi determinata.

Għalhekk l-esperti, biss fir-relm tal-possibbli ukoll b'mod ipotetiku, pero sostnuti bl-esperjenza u studju tagħhom, jirrelataw illi kieku l-attur ħalla l-operazzjoni tipprosegwi kien forsi, *might* fi kliemhom, kien ikollha eżitu differenti u posittiv.

Pero hawn lanqas ma hawn *culpa* b'element kontributorju ta' l-attur.

---

privatament mill-pazjent u minn dak li d-dottrina u l-ġurisprudenza taljana jsejħulu kuntatt soċjali" (Ara e.g. Cass. Civ. Sez. III, 18 ta' Lulju 2013, n.17573).

Dan jingħad  magħdud il-fatt ġia espress li jekk kien il-kaz ta' nerv milqut, dan kien kaz ta' sfortun għax kien nerv irqiq u mhux faċilment viżibbli,  u ma ġiet pruvata ebda negilgenza jew *culpa* fl-operat tat-tobba nvoluti.

Għal Qorti dan iwassal biss għal konklussjoni li l-attur naqas biex jasal sal piż tal-prova meħtiega u konsegwentement isib lit-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu akkolti.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet pero tilqa' l-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet imressqa.**

**Tiċħad it-talbiet attriċi.**

**Spejjeż  jiġu spartiti, sa fejn jirrigwardaw l-eċċezzjonijiet miċħuda a karigu tal-konvenuti solidament bejniethom u l-kumplament ta' l-ispejjeż għandhom ikunu kollha a karigu tal-attur.**

**Onor. Miriam Hayman.**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Dep.Reg.**